# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 498

**KAZ NRU. 744/5**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Lorna Ellul/Marica Muscat

u

Bank of Valletta Ltd.
kif rapprezentata minn
Dr. John C. Grech

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 13 ta' Mejju, 1993

**Chairman: Is-Sur Carmel Debono**

Dawn iz-zewg kazi gew riferiti lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittri datati 18 ta' Jannar 1993 Ref. ME 2/93 skond il-provedimenti ta' Artiklu 28(2) Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Bank of Valletta huwa rapprezentat mis-sur Hubert Caruana, Assistant General Manager Human Resources assistit mill-avukat Clarence Busuttil LL.D. waqt li l-appellanti, s-sinjura Marica Muscat u s-sinjorina Lorna Ellul huma assistiti mis-sinjorina Grace Anne Cachia, Chairperson tal-Bank of Valletta Group Committee, mis-sur John Falzon, President M.U.B.E. u mill-avukat Tonio Micallef Trigona LL.D.

.../2

Peress li l-kazi taz-zewg appellanti huma simili l-partijiet qablu li jinstemghu flimkien.

**Oggezzjoni Preliminari**

Peress li fit-tieni seduta l-Bank of Valletta kkontenda fi trattazzjoni verbali li l-kostituzzjoni ta' Malta dwar l-impjieg f'socjetajiet parastatali fejn il-Gvern ghandu kontroll, kienet tipprekludi lill-Bank li jzomm fl-impjieg liz-zewg appellanti, t-Tribunal iddecieda li din fil-fehma tieghu kienet tammonta ghall-oggezzjoni prelimari u ghaldaqstant talab liz-zewg partijiet jikkonfermaw l-osservazzjonijiet taghhom bil-miktub u jirreferuhom lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu fuq dan il-punt.

Iz-zewg partijiet issottomettew l-osservazzjonijiet taghhom bil-miktub wara t-tielet seduta.

**Kunsiderazzjonijiet**

Wara li kkunsidra t-trattazzjonijiet taz-zewg partijiet ghall dak li jirrigwarda l-Artiklu 110(6) tal-kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikli 14(1) u 15(1) u (2) tal-Kap 141, kif ukoll Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jghamel dawn l-osservazzjonijiet segwenti.

L-Artiklu 110(6) tal-kostituzzjoni jistipula kif ghandu jsir ir-reklutagg:

> "ma kull socjeta' jew Korp iehor li fieh il-Gvern ta' Malta jew xi korp iehor kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm il-darba dak id-dhul ma' jkunx sar wara ezami pubbliku u li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar...."

Dan huwa wkoll konfermat bl-Artikli 14(1) u 15(1) u (2) tal-Kap 141 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma hemm l-ebda dubju li dan gie esegwit fil-kaz taz-zewg appellanti.

Anqas ma' jista jkun hemm dubju li s-"servizz ta' l-impjegar" f'dan il-kaz jalludi ghall-Employment and Training Corporation li assumiet certi funzjonijiet li qabel it-twaqqif taghha kien jezercithom id-Dipartiment tax-Xoghol, u li fiz-zewg kazi kienu u ghadhom marbutin josservaw il-provedimenti tal-Kap 135 u Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta li jittrattaw dwar il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Mhux hekk biss izda dawn il-provedimenti kopruti bil-Ligijiet relevanti jorbtu wkoll lill-Korpi u Socjetajiet kemm dawk parastatali u mhumiex.

Hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li l-istess Ligijiet citati ghandhom dritt ghalihom ukoll l-impjegati.

It-Tribunal ma' jistax f'dan l-istadju ma' jirrimarkax li meta l-Bank iddecieda biex bil-permess ta' l-E.T.C. gedded il-perjodu tax-xoghol defenit taz-zewg appellanti, dan assuma certa responsabbilta', dejjem fid-dawl tal-Ligijiet ezistenti.

It-Tribunal irid jghamilha cara li dan qieghed jintqal irrespittivament mill-meriti jekk l-appellanti ghandhomx ragun jew le jikkontendu li gew imkeccija mill-impjieg ingustament.

It-Tribunal jemmen li l-istess Artiklu 110(6) tal-kostituzzjoni bl-ebda mod ma' jinnega d-dritt lill-Socjeta u/jew Korp

iehor li tkun ikkontrollata mill-Gvern li timpjega persuni kemm ghall zmien definit kif ukoll indefinit, se mai sakemm dan l-impjegar jew tigdid ta' mpjieg u/jew bdil fin-natura tieghu jkollu u jinhtieg l-approvazzjoni tal-Employment and Training Corporation.

Hija l-fehma tat-Tribunal li fil-kumpless kollu, l-Artiklu 110(6) tal-kostituzzjoni u l-Ligijiet ta' Malta Kap 141,

kif ukoll dawk li jittrattaw fuq il-kundizzjonijiet tax-Xoghol (Kap 135) u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) ghandhom jitqiesu li jikkumplimentaw lill xulxin fejn bl-ebda mod ligi minnhom ma' ghandha titqies axxendenti fuq l-ohrajn.

**Decizjoni Preliminari**

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq, it-Tribunal ma' jarax l-ghala d-disposizzjoni ta' Artiklu 110(6) tal-Kostituzzjoni ghandha f'dan il-kaz tkun ir-raguni biex jaccetta l-kontenzjoni tal-Bank li l-imsemmi Artiklu 110(6) jimpedixxi s-smiegh tal-kazi quddiemu.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi jiddeciedi li t-Tribunal ghandu jghaddi biex jipprocedi billi jisma u jikkunsidra l-meriti tal-kazi kif kontenuti fli 'Statements of Case'.

Carmel Debono
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg